

## Ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni etnika u l-esklużjoni soċjali fl-isport

**L-Artikolu 21** li jaqa' taħt il-Kapitolu tal-Ugwaljanza tal-[Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea](#) jipprojbixxi d-diskriminazzjoni għal diversi raġunijiet, inklużi r-razza, il-kulur, l-orijini etnika jew soċjali u s-sħubija f'minoranza nazzjonali.

### Il-kuntest tal-politika

Il-potenzjal tal-isports li jwassal valuri umani huwa ta' interess dejjem ikbar għall-Unjoni Ewropea. Fl-istess waqt, matul dawn l-aħħar għaxar snin, il-perċezzjoni u l-għarfien dwar ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-isports inbidlu bil-kbir fuq livell Ewropew, għallinqas fil-futbol, bil-bżonn li qiegħed jinħass dejjem iktar li tittieħed azzjoni. L-atturi u l-partijiet interessati Ewropej u internazzjonali li jaħdmu fil-qasam tal-isports qegħdin isaħħu dan l-iżvilupp ta' strateġija aktar attiva kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni fl-isports.

F'rapport ġdid, l-[Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE \(ADF\)](#) qiegħda teżamina dawn il-punti fid-dettall.

### Inwessgħu l-parteċipazzjoni fl-isports

F'ħafna mill-isports fl-Unjoni Ewropea, il-minoranzi u l-migranti ftit li xejn huma rrappreżentati, partikolarment f'pożizzjonijiet ta' amministrazzjoni ta' organizzazzjonijiet sportivi. In-nisa u l-bniet bi sfond ta' minoranza jew migranti huma l-inqas irrappreżentati.

F'ċerti pajjiżi l-esklużjoni soċjali u l-iżolament ġeografiku jistgħu jwasslu għal livelli baxxi ta' parteċipazzjoni mir-Roma u mill-Vjaġġaturi. In-nuqqas ta' disponibbiltà ta' faċilitajiet sportivi f'ċerti żoni wkoll inaqqas il-livell ta' parteċipazzjoni ta' xi gruppi.

**Insaħħu l-għarfien u ntejbu d-diversità**  
*Jenħtiegħ isiru aktar attivitajiet ta' sensibilizzjoni aktar immirati minn bordijiet governattivi, federazzjonijiet u klabbs sabiex ikun jista' jitwettaq il-potenzjal inklużiv tal-isports. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu programmi ta' diversità li jhegħgu l-parteċipazzjoni tal-migranti u tal-minoranzi etniċi, jew inizjattivi sabiex jiġu eliminati l-ostakli għall-aċċess għal karigi amministrattivi f'organizzazzjonijiet sportivi.*

### Is-sorveljanza ta' inċidenti razzisti fl-isports

Fil-mezzi ta' komunikazzjoni ta' spiss jiġu rrapportati inċidenti razzisti bejn l-ispettaturi ta' avvenimenti sportivi. Fil-futbol tal-irġiel, pereżempju, il-partitarji jitqiesu l-grupp ewlieni fit-twettieq tal-inċidenti bħal dawn.

Madankollu, inċidenti razzisti jinqalgħu wkoll bejn il-plejers, l-aktar fl-isports tad-dilettanti.

Ir-referis u l-uffiċjali tal-klabbs ukoll jistgħu jkunu involuti f'inċidenti razzisti. Barra dan, għadd mhux ħażin ta' inċidenti jinqalgħu fil-kuntest tal-isports taż-żgħażaġħ.

Is-sistemi li jissorveljaw inċidenti razzisti fl-isports jinsabu biss f'numru ta' Stati Membri tal-UE. Uħud huma aktar avanzati u jaqdbu aktar inċidenti razzisti minn oħrajn. Madankollu ħafna mid-dejta disponibbli hija relatata mal-futbol.

### Sorveljanza effettiva

*L-awtoritajiet nazzjonali u lokali huma mhegħga biex jiżviluppaw sorveljanza effettiva ta' inċidenti razzisti u diskriminazzjoni fl-isports f'kooperazzjoni mill-qrib ma' federazzjonijiet sportivi biex itejbu r-reġistrazzjoni ta' inċidenti u jħaffu t-tressiq ta' ilmenti individwali.*

### Insaħħu r-regolamenti u l-infurzar kontra inċidenti razzisti fl-isports

Statuti jew dokumenti simili ta' organizzazzjonijiet sportivi Ewropej u internazzjonali, ħafna drabi jkunu jinkludu dispożizzjonijiet kontra r-razziżmu jew kontra d-diskriminazzjoni. Madankollu huma ftit dawk l-organizzazzjonijiet li għandhom fis-seħħ proċeduri dixiplinarji ċari kontra mġiba razzista jew diskriminatorja, ħlief l-għaqdiet internazzjonali tal-futbol u l-kriket.

Ir-regolamenti dixiplinarji tal-[Unjoni tal-Assoċjazzjonijiet tal-Futbol Ewropej \(UEFA\)](#), bħala eżempju ta' prattika tajba, jinkludu dispożizzjonijiet kontra r-razziżmu kif ukoll katalogu ta' sanzjonijiet negattivi f'każ ta' ksur.

### **Nagħmlu r-regolamenti kontra r-razziżmu aktar effettivi:**

Il-bordijiet governattivi tal-isports jeħtiegħ jelaboraw u jimplimentaw regolamenti effettivi kontra r-razziżmu kif ukoll miżuri ta' ugwaljanza. Il-Kummissjoni Ewropea jista' jkollha rwol importanti fil-koordinazzjoni tal-iskambju ta' Prattika tajba bejn l-Istati Membri f'dan ir-rigward.

Id-[Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija fil-liġi kriminali](#) hija strument legali importanti li jista' jintuża fil-ġlieda kontra r-razziżmu fl-isports.

### **Korpi għall-Ugwaljanza u l-isports**

Ir-rapport tal-ADF jiżvela li f'minn tal-inqas 16-il Stat Membru tal-UE, il-Korpi għall-Ugwaljanza u istituzzjonijiet oħra, bħall-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs), qegħdin jieħdu azzjoni f'każijiet ta' inċidenti razzisti u ta' diskriminazzjoni etnika fl-isports.

### **Ninvolvu aktar il-Korpi għall-Ugwaljanza fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni razzista u etnika fl-isports:**

Il-Korpi għall-Ugwaljanza u l-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (NHRIs) għandhom ikunu involuti aktar sabiex jitrattaw id-diskriminazzjoni razzjali fl-isports. Dawn il-korpi jistgħu jappoġġaw lill-federazzjonijiet u lill-klabbs sportivi biex jiżviluppaw attivitajiet li jżidu l-għarfien. Dawn jistgħu jipprovdu appoġġ lill-vittmi potenzjali u, fejn dan ikun permess, jieħdu sehem f'azzjonijiet legali kontra dawk li jkunu responsabbli.

### **L-isfond**

Ir-rapport tal-ADF huwa bbażat fuq intervisti ma' esperti u ma' partijiet interessati rilevanti, u fuq dejta u informazzjoni sekondarja li tkopri l-perjodu 2003-2008. Barra minn hekk, l-informazzjoni ġiet ipprovdata minn partijiet interessati fuq livell Ewropew u nazzjonali, inklużi l-federazzjonijiet nazzjonali tal-isports. Ir-riċerka eżaminat sports professjonali u tad-dilettanti li fihom kienu qed jipparteċipaw irġiel, nisa u tfal jew żgħażaġh.

Il-futbol u l-atletika ġew eżaminati f'kull wieħed mis-27 Stat Membru tal-UE u kien inkluż ukoll it-tielet l-aktar sport popolari f'kull Stat Membru rispettiv.

Stat Membru tal-UE	Sport eżaminat
L-Awstrija	Futbol, atletika, skiing alpin
Il-Belġju	Futbol, atletika, basketbol
Il-Bulgarija	Futbol, atletika, volleyball
Ċipru	Futbol, atletika, basketbol
Ir-Repubblika Ċeka	Futbol, atletika, hockey fuq is-silġ
Id-Danimarka	Futbol, atletika, handball
L-Estonja	Futbol, atletika, basketbol
Il-Finlandja	Futbol, atletika, basketbol
Franza	Futbol atletika, tennis
Il-Ġermanja	Futbol, atletika, handball
Il-Greċja	Futbol, atletika, basketbol
L-Ungerija	Futbol, atletika, water polo
L-Irlanda	Futbol, atletika, hurling/camogie
L-Italja	Futbol, atletika, basketbol
Il-Latvja	Futbol, atletika, hockey fuq is-silġ
Il-Litwanja	Futbol, atletika, basketbol
Il-Lussemburgu	Futbol, atletika, ċikliżmu
Malta	Futbol, atletika, basketbol
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Futbol, atletika, korfbal
Il-Polonja	Futbol, atletika, speedway racing
Il-Portugall	Futbol, atletika, handball
Ir-Rumanija	Futbol, atletika, handball
Is-Slovakja	Futbol, atletika, hockey fuq is-silġ
Is-Slovenja	Futbol, atletika, skiing alpin
Spanja	Futbol, atletika, basketbol
L-Isvezja	Futbol, atletika, hockey fuq is-silġ
Ir-Renju Unit	Futbol, atletika, cricket

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali (ADF) ppubblikat żewġ rapporti dwar ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni etnika u l-esklużjoni tal-migranti u tal-minoranzi fl-isports fl-UE:

- *Ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni etnika u l-esklużjoni ta' migranti u minoranzi fl-isports: Ħarsa ġenerali kumparattiva lejn is-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea*
- *Ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni etnika u l-esklużjoni ta' migranti u minoranzi fl-isports: Is-sitwazzjoni fl-Unjoni Ewropea – Rapport fil-qosor*

Fl-2011 għandu jiġi ppubblikat *Manwal ta' Prattika Tajba* għall-federazzjonijiet sportivi, klabbs u plejers jew atleti, b'eżempji ta' inizjattivi sabiex ikunu miġġielda r-razziżmu, id-diskriminazzjoni etnika u l-esklużjoni tal-migranti u tal-minoranzi fl-isports.

Ir-rapporti huma disponibbli fuq [www.fra.europa.eu](http://www.fra.europa.eu)